MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1103/1997/1

Romen Galea
vs
Chairman in rappresentanza tal-Mid-Med Bank Limited u b'digriet tat-18 ta' Frar 2000 gie mizjud l-kliem HSBC Bank Malta plc

Illum 7 ta' April 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn wara li r-rikorrent ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 huwa sofra ingustizzja f'li itterminawlu l-impjieg tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi hu kien beda jahdem mal-Mid-Med bank, wara li kien diga ghamel sentejn bhala Student Worker, fis-16 ta' Frar 1984 wara li kien qaghad ghal ezami kompettitv. Fis-snin li ghamel impjegat tal-Bank hu dejjem ghamel xoghlu kif suppost u bl-akbar attenzjoni.

Illi fix-xahar t'Awissu 1987 hu kien applika ghal emigration leave, li kien nghatalu sa 19 ta' Frar 1988. Hu kien kiteb il-Bank fejn talab extension tal-leave minhabba ragunijiet personali. Din l-ittra waslet tard il-Bank, fil-fatt din waslet fis-26 ta' Frar minhabba li dak iz-zmien kien hemm inkwiet industrijali fil-posta tal-Italja u il-Posta ghal Malta bdiet tigi mizmuma hemmhekk. Meta il-Bank ircieva din l-ittra, il-mittent gie avzat li x-xoghol tieghu kien gie tterminat b'effett mill-20 ta' Frar 1988 ezatt gurnata wara li ghalaqlu il-leave.

Illi l-Bank kien rega beda jimpjega ex-impjegati tieghu mis-sena 1987 u hu kien talab li jerga jimpjega ruhu anke akkost li jitlef is-seniority, talba li ma gietx milqugha bla raguni ta' xejn, intant ex-impjegati tal-Mid-Med li kien ilhom neqsin snin twal inghataw l-impieg kif ukoll il-grad li kienu fih qabel hallew il-Bank, lura u il-mittent baqa barra.

Illi hu hass li din kienet diskriminazzjoni kontrih ghaliex hu kien membru tal-G.W.U. u kien jobdi kull direttiva li kienet tohrog il-Union tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-impjieg tieghu lura jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank intimat fejn wiegeb illi:

1. Illi filwaqt li mhux kontestat li r-rikorrent kien impjegat mal-Bank intinat ghall-perjodu minnu msemmi, huwa minnu wkoll li l-Bank dejjem u konsistentament mexa b'mod regolari u korretti mieghu.

2. Illi f'Awissu tal-1987 ir-rikorrent kellu "emigration leave" approvat mill-Bank ghall-perjodu bejn l-20 t'Awwissu 1987 sad-19 ta' Frar 1988.

3. Illi wahda mill-kundizzjonijiet tal-"emigration leave" kienet li r-rikorrent kellu jikteb lill-Bank mill-inqas xahar qabel ma jiskadi dan l-"emigration leave" biex jinfurmah jekk hux ser jirritorna ghax-xoghol jew le u fin-nuqqas ta' xi kommunikazzjoni f'dan is-sens dan kellui jittiehed bhala li abbanduna l-impieg.

4. Illi ghalkemm huwa minnu li r-rikorrent kiteb lill-Bank biex filwaqt li jurih ix-xewqa li jirrotorna jahdem Malta, jestendilu l-"leave" b'sitt xhur ohra minhabba certu "commitments" li kellu fl-Awstralja, fil-fatt l-ittra kienet impustata fit-22 ta' Frar 1988 u waslet ghand il-Bank fis-26 ta' Frar 1988. Dan juri li r-raguni ghad-dewmien tal-wasla ma kienetx dik li jsemmi r-rikorrent fir-rikors tieghu.

5. Illi abbazi tal-fuq imsemmija kundizzjoni, l-impieg tar-rikorrent gie tterminat b'effett mill-20 ta' Frar 1988 b'mod legali validu u skond ma kien gie pattwit mal-istess rikorrent.

6. Illi fil-ligi m'hemm imkien preskritt li haddiem li jkun temm l-impieg mal-imghallem tieghu ghandu jedd li jimponi li jigi ngaggat mill-gdid. Dan mhux kaz ta' "redundancy". Il-fatt li ex-kollegi tieghu kienu gew impjegati mill-gdid mhux fatt diskriminatorju, billi l-prerogattiva ta' min jigi ngaggat f'impieg hija tal-imghallem biss.

7. Illi r-ragunijiet li r-rikorrent jindika li permezz taghhom saret diskriminazzjoni mieghu, huma asserzjonijiet suggettivi li ma jiffurmawx kriterju tal-Bank intimat fl-ghazla u z-zamma fl-impieg tal-haddiema tieghu.

8. Ghaldaqstant l-intimat ssottometta li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jaghmel zewg ilmenti wahda illi huwa ma naghtax extension ghal immigration leave wara talba li ghamel ghal daqshekk u t-tieni li ma giex ri-ingaggat mill-bank meta haddiehor inghata dak il-beneficcju.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent dahal jahdem mal-Bank fis-16 ta' Frar 1984 bhala trainee u sar permanent staff f'Mejju 1984. F'Awissu 1987 talab li jinghata immigration leave, din it-talba giet akkordata sad-19 ta' Frar 1988 bil-kundizzjoni illi kellu jinforma l-Bank bil-miktub mill-inqas xahar qabel ma jaghlaq it-terminu fuq imsemmi jekk kienx bi hsiebu jittermina l-impjieg tieghu mal-Bank jew inkella jirraporta ghax-xoghol, jekk dan ma jsirx jfisser li r-rikorrent ikun abbanduna s-servizz (ara fol 57). Ir-rikorrent kien jaf b'din il-kundizzjoni ghax giet komunikata lilu u ffirma "noted" bid-data 25 ta' Gunju 1987 (ara fol 58). Ir-rikorrent pero` ittraskura u ddecieda illi jibghat ittra fejn talab extension ta' l-immigration leave bid-data 12 ta' Frar 1988. Irrizulta pero` illi giet impustata l-Awstralja fit-22 ta' Frar 1988 (fol 59 u 60) u waslet ghand il-Bank fis-26 ta' Frar 1988 meta suppost ma kellhiex tasal aktar mid-19 ta' Jannar. Ghalhekk bir-ragun il-Bank qies illi r-rikorrent

abbanduna s-servizz u infurmah bid-decizjoni tieghu illi kien itterminalu l-impjieg b'effett mill-20 ta' Frar 1988.

It-Tribunal s'hawnhekk ma jara xejn hazin fl-operat tal-Bank. M'hemmx dubju li hawn element ta' traskuragni grassa da parti tar-rikorrent fejn minkejja li kien jaf bil-kundizzjonijiet ta' l-immigration leave ma qaghadx ghal dawk il-kundizzjonijiet u meta dehrlu, talab illi jiehu extension, haga illi lanqas ma kienet awtorizzata skond il-"conditions of employment act" ta' l-1981 li kien vigenti fl-1988. Skond dawn il-kundizzjonijiet ir-rikorrent kellu biss jinforma 'l Bank kellux ikompli bix-xoghol jew inkella jabbanduna l-impjieg. Ir-rikorrent ma ghamel xejn min dan u talab tardivament estenzjoni ta' l-immigration leave. Bir-ragun ghalhekk il-Bank iddecieda li ma jonorax it-talba tar-rikorrent u tterminalu l-impjieg.
Min imkien ma jirrizulta illi l-ittra giet tard kawza ta' xi azzjonijiet industrijali waqt it-tragitt taghha lejn Malta.

Skond il-kundizzjonijiet ta' l-ghoti tal-leave, l-Bank kellu jkun avzat mhux aktar tard mid-19 ta' Jannar 1988 bl-intenzjoni tar-rikorrent. Dan ma sarx minkejja li r-rikorrent kien jaf x'kellu jaghmel. It-Tribunal jidhirlu illi r-raguni ta' azzjonijiet industrijali hij sempliciment skuza biex tigi kamufatta t-traskuragni tar-rikorrent. Ghalhekk ghat-telfa ta' l-impjieg it-Tribunal jidhirlu li l-htija hija mputabbli esklussivament u unikament fuq it-traskuragni tar-rikorrent u l-Bank m'ghandu l-ebda htija.

Ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' re-instatement hawnhekk it-Tribunal ukoll jidhirlu li l-Bank ma mxiex b'mod diskriminatorju versu r-rikorrent. Veru li rrizulta mill-provi illi kien hemm xi uhud li gew re-instated mal-Bank u dawn huma Alfred Zammit, Tonio Mallia, Margaret Pace u Marco Gauci, illi dahlu lura fuq bazi umanitarji pero` kien hemm ohrajn illi t-talba taghhom giet rifjutata u cioe` Josephine Cross, Liliana Muscat, Tania Bugeja u Sylvana Zarb Darmanin. Barra minn hekk, kien hemm memo mill-bord tad-Diretturi bid-data 8 ta' Novembru 1988 li ma kellhomx jikkunsidraw aktar il-possibilta ghar-re-instatement minn ex impjegati.

It-talba tar-rikorrent ghal re-instatement saret fis-16 ta' Novembru 1988 (fol 20). Ghalhekk wara d-decizjoni tal-bord. Hawnhekk ukoll it-Tribunal ma jara xejn hazin fl-operat tal-Bank. It-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kien wiehed validu u gustifikat fic-cirkostanzi. Ghalhekk il-Bank bhala employer kien liberu li jaccetta jew jichad it-talba tar-re-instatement. F'dan il-kaz iddecieda li jichad it-talba abbazi ta' decizjoni mehuda qabel ma saret t-talba ta' re-instatement tar-rikorrent. Jidher pero` li giet proposta forma ta' tranzazzjoni billi r-rikorrent jerga joqghod ghall-ezami (ara xhieda rikorrent fol 88). Ir-rikorrent ma accettax din il-proposta ghax dehrlu illi kien kwalifikat bizzejjed u ma kellux ghalfejn joqghod ghall-ezami kompetittiv. B'hekk ir-rikorrent forsi tilef l-ahhar opportunita biex jerga jigi ngaggat mal-Bank b'mod formali. Issa ma jistax jilmenta illi gie trattat hazin mill-Bank intimat.

L-allegazzjoni tieghu illi gie diskriminat ghax kien membru tal-GWU assolutament ma gietx ippruvata u lanqas m'hemm l-icken accenn illi seta' remotament kien xi fattur fil-konsiderazzjonijiet tal-Bank illi jitterminaw l-impjieg tar-rikorrent. Kif diga inghad, dan sar b'mod legali wara li r-rikorrent stess bi traskuragni tieghu naqas illi josserva l-kundizzjonijiet imposti ghal ghoti tal-beneficcju tal-immigration leave.

Minkejja li skond il-conditions of employment it-terminu kellu jkun ta' hames xhur il-Bank intimat kien dispost illi joffri lir-rikorrent sitt xhur, izda l-inqas li l-Bank kellu dritt jippretendi, kien li r-rikorrent josserva l-kundizzjonijiet imposti lilu u la dawn m'ghamilhomx allura t-Tribunal ma jistax jiccensura l-Bank tad-decizjoni li ha. Lanqas ma tista ticcensurah ghal xi forma ta' diskriminazzjoni illi saret fil-konfront tar-rikorrent peress li dan ma rrizultax mill-atti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------